# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 10.3

## Kap 10: Infaħħru 'l Alla f'Talbna

## Lezzjoni 10.3: Ħajti Talba

### L-Għanijiet:



**F'din il-lezzjoni l-istudenti:**

1. Jaqsmu flimkien l-esperjenzi tagħhom ta' talb differenti f'ċirkustanzi differenti;
2. Jaraw modi differenti kif huma jistgħu jitolbu;
3. Jaħsbu ftit liema hu l-mod li bih huma jħossuhom l-aktar komdi jitolbu.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- *Powerpoint Presentation*: Ħajti Talba
- Karta ta' taħriġ: 10.2.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tibni diskussjoni qasira mal-istudenti permezz ta' dawn il-mistoqsijiet jew oħrajn simili:

  - *Kontu tafu li jeżistu modi differenti kif nistgħu nitolbu?*
  - *Tafu ssemmu xi wħud minnhom li tafu bihom?*
  - *Tużaw xi mod minn dawn biex titolbu bih?*



## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- *Spjega:*
  - *Fid-diskussjoni tal-bidu rajna li jeżistu modi differenti kif wieħed jista' jitlob.*
  - *Fil-lezzjoni tal-lum ser naqsmu ftit bejnietna il-mumenti li fihom nitolbu u l-modi kif nitolbu. Imma qabel ser naraw ftit liema huma l-modi kif nitolbu permezz ta' powerpoint presentation. (Kif se tinnutaw xi wħud minnhom diġà semmejtuhom intom fil-bidu tal-lezzjoni).*
- Uri l-*Powerpoint presentation* lill-istudenti li fiha se jaraw modi differenti ta' talb.
- Staqsi lill-istudenti x'jaħsbu dwar dak li raw u jekk hemmx xi affarijiet li laqtuhom jew li ma kinux jafu bihom u għalhekk tgħallmu xi ħaġa ġdida.

- Stieden lill-istudenti jiftħu l-ktieb tal-Attivitajiet 10.2. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' gruppi l-istudenti jaħdmu Attività A.
- Aqra Attività B u jekk trid fuq bażi individwali huma jimmarkaw dawk li jgħoddu għalihom u wara tista' toħroġ liema huma dawk il-mumenti tat-talb l-aktar komuni fil-klassi u dawk l-inqas komuni. Tista' tistaqsi l-istudenti jagħtu raġunijiet għall-għażliet tagħhom.
- Aqra u spjega Attività C u jekk trid fuq bażi ta' klassi ddiskuti l-mistoqsijiet mogħtija. Fakkar li kull talba jekk tingħad sew tgħinna nersqu lejn Alla u wkoll tagħmilna aktar bil-għaqal.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Matul il-ħajja tagħna jiġu ħafna mumenti meta nitolbu. Xi drabi nitolbu waħidna u drabi oħra nitolbu mal-oħrajn.
2. Mhux kulħadd jitlob bl-istess mod.
3. Hu x'inhu l-mod kif nitolbu, l-importanti hu li nżommu f'moħħna li Alla jieħu pjaċir meta niftakru fih u nkellmuh u dejjem lest li jisma' dak li għandna x'ngħidulu.
4. It-talb jgħinna nersaq lejn Alla.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Nifhem li Alla jieħu pjaċir ħafna meta jiena nqatta' ftit ħin nitkellem miegħu fit-talb. L-aktar ħaġa importanti fit-talb mhux il-kliem li ngħid, imma li nkun moħħi hemm, naf x'jien nagħmel u nitlob bil-qalb.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Bħala talba tal-għeluq illum nistgħu inħallu lill-istudenti jgħidu talba li jixtiequ huma u jaqsmuha mal-kumplament tal-klassi. B'hekk jinħoloq ambjent sabiħ ta' talb.

**Nota: Tkun idea tajba jekk isir daqq ta' mużika kwieta fl-isfond biex tgħin lit-tfal jirriflettu u jinġabru.**

